MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 494/2003

**Avviz numru 494/03 DM**

**Simon Bonett**
**Vs**
**Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab l-kundanna tal-konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' elf, u tnejn u ghoxrin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1,022.89) u l-vettura tal-marka 'Escort XR3i' bin-numru tar-registrazzjoni ittri CAT numri tlieta zero tlieta (CAT – 303) tal-valur a' sitt mitt lira Maltin (Lm600) li ilhom depozitati mis-sena elf disa' mija u tnejn u dighin (1992) u li gew konfiskati taht il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett retoattiv peress illi d-dritt ta' konfiska tal-proprjeta' dahal fl-elf, disa' mija tlieta u disghin (1993) u konsegwentement ma kienx hemm titolu legali li jestendi l-konfiska ghall-ammont provenjenti minn donazzjoni ta' ommu.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali u bl-ingunzjoni tal-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Preliminarjament l-irritwalita’ u n-nuqqas ta’ kompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti stante li l-proceduri odjerni kellhom isiru b’rikors u fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili rispettivament u dan ai termini tal-Artikolu 22C (2) tal-Kap 101 ;

2. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost illi f’dan l-istadju l-azzjoni tal-attur hija tardiva u ‘fuori termine’ ai termini tal-Artikolu 22C (2) tal-Kap 101 stante li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li biha giet ordnata l-konfiska favur l-Istat tal-oggetti mertu odjerna inghatat fid-9 ta’ April, 2003, u l-attur kellu biss tlett (3) xhur minn dik id-data biex jintavola proceduri ghar-rilaxx ;

3. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent mhux il-legittmu kontradittur fil-proceduri odjerni stante li din l-azzjoni kellha tigi diretta kontra l-Kummissarju tal-Pulizija ai termini tal-Artikolu 22C (5) tal-Kap 101 ;

4. Subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti ;

(a) Kuntrarjament ghal dak li qed jallega l-attur, il-Kap 101 ma jaghmel ebda distinzjoni bejn proprjeta’ akkwistata qabel jew wara l-kommissjoni tar-reat jew qabel jew wara d-dhul fis-sehh tal-emendi tal-1994 ghall-Kap 101 fir-rigward tal-konfiska tassattiva f’kaz ta’ htija, u dan kif gie konfermat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza kriminali li saret kontra l-attur, u konsegwentement l-azzjoni attrici mhi xejn hlief a ‘a fishing expedition’ fejn dak l-argument li bih ma rnexxielux jikkonvinci lill-Qorti tal-Appell Kriminali issa qed jipprova jressqu quddiem Qorti Civili ;

(b) F’dan l-istadju l-proprjeta’ mertu tal-kawza odjerna hija konfiskata favur l-Istat u l-unika mod kif l-attur jista’ jirkuprahom huwa billi jgib prova ai termini tal-Artikolu 22C tal-Kap 101 li l-istess proprjeta’ mhix dhul jew profitt provenjenti minn reat taht l-istess Ordinanza ;

5. L-esponent m'ghandux ibghati spejjez.
6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tat-3 ta' Gunju, 2004, fejn il-kontendenti talbu li l-kawza tigi differita ghas-sentenza dwar l-ewwel tlett (3) eccezzjonijiet preliminari sollevata mill-Avukat Generali.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti ;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ma hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti illi s-somma ta' elf, tnejn u ghoxrin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmi (Lm1, 022.85) u l-vetturi tal-marka 'Escort XR31' bin-numru tar-registrazzjoni CAT-303 kienu gew ikkonfiskati b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tad-9 ta ' April, 2003, fl-Appell Kriminali numru 191/2002 fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spetturi Norbert Ciappara u Nicholas Ciappara) vs Simon Bonett'.

Illi kopja ta' din is-sentenza tinsab esebita a fol. 19 tal-process, u minnha jirrizulta illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet ghaddiet ghall-konfiska tas-somma u vettura in kwistjoni b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22(3A)(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta fejn ukoll irriservat favur l-appellat, l-attur Simon Bonett, id-drittijiet kollha tieghu skond l-Artikolu 22 C ta' l-istess Kap. 101 li jipprovdi ghall-procediment specjali li jkun jista' jwassal ghal sentenza li tirrevoka l-konfiska tal-proprjeta' ikkonfiskata.

Jirrizulta wkoll illi f'dik is-sentenza l-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet ukoll hadet konjizzjoni ta' l-argumenti kollha migjuba mill-attur f'dawn il-proceduri, kemm dawk illi jirrigwardaw il-fatt illi l-proprjeta' kkonfiskata minghand l-attur ilha ghandhu sa minn qabel l-1 ta' Settembru, 1994, u anke li jallegaw li tali konfiska setghet ivvjolat xi drittijiet fundamentali ta' l-attur, dakinhar fl-appellat.

Infatti fis-sentenza taghha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet ipprovdiet kif gej :
« Ghall-ilment fattwali ta' l-appellat li jghid li kellu karozza 'Escort Mark 3' numru CAT-303 li ilha registrata fuq ismu mill-1992, depozitu ta' Lm500 li hu l-bilanc ta' l-ammont li tatu ommu fis-sena 1992 u kont iehor bankarju ta' Lm21 li kien ilu ghandu minn qabel l-1 ta' Settembru, 1994, il-ligi stess tipprovdi rimedju fl-Artikolu 22C li jghid li l-persuna li jkollha oggetti konfiskati skond l-Artikolu 22(3A) (d) tista' tibda azzjoni specjali fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-terminu preskritt sabiex tottjeni dikjarazzjoni minn dik il-Qorti li xi proprjeta' mobbli jew immobbli jew flejjes ma ghandhomx provenjenza llecita.

Illi minn ezami tal-Artikoli fuq citati, jidher car li l-ligi ma taghmel ebda distinzjoni bejn proprjeta' akkwistata qabel jew wara l-kommissjoni tar-reat jew qabel jew wara d-dhul fis-sehh ta' l-emendi tal-1 ta' Settembru, 1994, w' 'ubi lex non distinguit , ne nos distinguere debemus'. Il-ligi – sejjhilha rigida w'drakonjana kemm trid – trid li l-Qorti tassastivament taghmel ordni ta' konfiska fuq il-proprjeta' kollha tal-hati, bla ma toqghod tiddistingwi la bejn proprjeta' li gejja minn provenjenza llecita jew le w'lanqas bejn proprjeta' akkwistata b'titolu jew iehor, jew fi zmien jew iehor. Ghalhekk jidher li idejn il-Qrati huma marbutin b'din id-dispozizzjoni tassattiva. Hu verament kaz ta' 'dura lex, sed lex'. U filwaqt li din il-Qorti tifhem u tapprezza l-pozizzjoni ta' l-appellat, jekk veru kellu jirrizulta li l-ftit proprjeta' li ghandu ma tkunx profitti jew dhul mill-emghil ta' xi reat taht il-Kap. 101, li jkun kostrett li jipprocedi hu biex jikseb dikjarazzjoni li dan hu l-kaz quddiem il-Qorti Civili, sakemm il-ligi tibqa' dik li hi jew ma tigix impunjata din il-Qorti trid tapplikha kif inhi.

Illi l-appellat ma qajjimx din il-kwistjoni bhala kwistjoni kostituzzjonali ta' vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu quddiem din il-Qorti, imma biss bhala argument ghala l-Qorti ghandha tikkonferma s-sentenza appellata. L-argument kien li jekk tigi applikata l-konfiska fuq proprjeta' minnu akkwistata qabel ma dahlu in vigore l-emendi ta' l-1 ta' Settembru, 1994, dan imur kontra l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-

Bniedem. Illi dan l-Artikolu fis-sub-inciz (1) jipprovdi li ‘hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta’ reat kriminali minhabba f’xi att jew ommissjoni li ma jkunx reat kriminali skond ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar’. Is-sub-inciz (2) jghid li ‘Dan l-Artikolu ma ghandux jippregudika l-proceduri u l-applikazzjoni tal-piena ta’ xi persuna ghal xi att jew ommissjoni li, fiz-zmien meta jkun sar, kien kriminali skond il-principju generali tal-ligi, rikonoxxut minn-nazzjonijiet civilizzatti’.

Illi bir-rispett din il-Qorti ma tarax kif u fejn jiccentra dan l-Artikolu, ghaliex meta gew kommessi l-allegati reati ammessi mill-appellat, u cioe’ fl-ahhar sentejn qabel l-4 ta’ Settembru, 1999, kienu gja dahlu fis-sehh l-emendi introdotti bl-Att V1 tal-1994 u apparti li r-reati ammessi kien ilhom jezistu minn ferm qabel, anki l-piena kienet fis-sehh meta gew kommessi r-reati. Dan mhux il-kaz ta’ xi att jew ommissjoni li saru qabel ma nholoq reat kriminali jew qabel ma l-piena ghalih giet awmentata. Ghalhekk meta l-appellat ikkommetta r-reati minnu ammessi kien jaf li dawn kienu reati w li ghalihom kienet oltre pieni ohra tapplika wkoll il-konfiska tal-proprjeta’ kollha tieghu, kienet giet akkwistata meta giet akkwistata. Ghalhekk dan l-argument bazat fuq l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni hu ghal kollox infondat.»

Ghaldaqstant billi l-argumenti kollha li seta’ qajjem l-attur diga’ gew ittrattati u decizi mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-sentenza gja msemmija, l-unika triq li baqghalu l-imputat biex jattakka l-konfiska hija l-procedura specjali esklussivament pprovduta mil-ligi sabiex tintalab ir-revoka ta’ tali konfiska. Din hija dik tassattivament ipprovduta mill-Artikolu 22C tal-Kap. 101, u l-Qorti hija ghalhekk kostretta li, ghal dak li jirrigwarda l-ewwel (1) eccezzjoni sollevata mill-konvenut, tinvestiga jekk il-procedura dettata mill-imsemmi Artikolu 22C tal-Kap. 101 gietx metikolozament osservata mill-attur biex huwa jista’ jitlob ir-revoka ta’ l-imsemmija konfiska.

Fis-Subartikolu 2 tal-Artikolu 22C tal-Kap. 101 il-ligi tipprovdi li ‘Dik l-azzjoni ghandha tinbeda b’rikors fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili mhux aktar minn tlett (3) xhur

mid-data li fiha s-sentenza li tordna l-konfiska tkun saret finali u konkussiva’.

Billi kif dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna ‘*Ma jistax jigi ammess li procedura stabbilita mil-ligi tigi sostitwita b’ohra u lanqas bil-kunsens tal-parti opposta u l-eccezzjoni relattiva jekk ma tigiex sollevata jew tigi rinunzjata mill-parti l-ohra ghandha tigi sollevata mill-Qorti ex-ufficio* (Michele Parnis vs Carmelo Caruana nomine XXXV1PI page 204)’ isegwi li l-unika azzjoni li setghet tigi istitwita mill-attur kellha tinbeda b’rikors fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili, u mhux bl-Avviz quddiem din il-Qorti kif fil-fatt ghamel.

Konsegwentement il-Qorti tilqa’ l-ewwel (1) eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut u tiddikajara illi din il-Qorti mhijiex kompetenti li tiehu konjizzjoni tat-talba ta’ l-attur u konsegwentement tillibera l-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------